MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 191/2016 LM

**Ruth sive Gertrude Carabott**

***vs.***

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-10 ta' Marzu, 2016 mill-attriċi **Ruth sive Gertrude Carabott** (ID numru 22769M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-3 ta' Marzu, tas-sena elfejn u tlettax (03/03/2013) għal xi 12.10pm hija u ssuq il-karozza targata KIM-713 fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, sejra fid-direzzjoni ta' Birżebbugia, hija sfat milquta mix-xarabank targat BUS-174 misjuq mill-intimat li kien ġej minn faċċata;*

2. *Illi dan l-inċident ġara unikament tort tal-intimat minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, imprudenza, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tiegħu;*

3. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident l-esponenti sofriet danni mhux biss fil-vettura tagħha iżda wkoll sofriet feriti ta' natura permanenti fuq persunitha kif jidher miċ-ċertifikat mediku hawn unit u mmarkat 'Dok. A' u kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi l-esponent interprellat lill-intimat permezz ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Jannar, 2015 iżda dan baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:-*

1. *Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara nhar it-3 ta' Marzu, 2013 għal xi 12:10pm fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, meta fil-waqt li kien qed isuq ic-charabanc targat BUS-174 huwa baqa' dieħel fil-karozza targata KIM-713 misjuqa mill-esponenti hija u ġejja mill-faċċata, u per konsegwenza l-esponenti sofriet danni mhux biss fuq il-karozza tagħha iżda wkoll danni ta' natura permanenti fuq il-persuna tagħha, liema inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tiegħu;*

2. *Tillikwida d-danni kaġunati lill-attriċi okkorrendo permezz ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istanti s-somma rispettiva hekk likwidata in linea ta' danni kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Jannar, 2015, tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment, u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-konvenut minn issa inġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Joseph Mifsud** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-31 ta' Mejju, 2016 u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

2. *Illi l-inċident stradali li seħħ fit-tlieta (3) ta' Marzu 2013, waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazzjoni BUS-174 ma seħħx minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, imprudenza jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti, iżda seħħ tort unikament tar-rikorrenti Ruth sive Gertrude Carabott li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KIM 713 fil-ħin tal-istess inċident, u dana minħabba negliġenza, traskuraġni, non-kuranza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess rikorrenti;*

3. *Illi in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent in linea ta' danni mill-intimati;*

4. *Illi, f'kull każ, kwalsiasi danni għandhom ikunu reali u ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi.*

5. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' April, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attriċi tikkontendi li fl-inċident tat-traffiku mertu tal-kawża bejn il-vettura misjuqa minnha u l-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut, hija sofriet debilità

permanenti, kif ukoll danni fil-vettura tagħha. Permezz tal-kawża odjerna hija qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni, kif ukoll sabiex jiġu likwidati d-danni u l-konvenut jiġi kkundannat għall-ħlas tal-istess. Min-naħa tiegħu l-konvenut jgħid li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament b'tort tal-attriċi u in vista ta' dan l-ebda danni mhuma dovuta minnu lill-attriċi.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-Rikors Maħluf imressaq mill-attriċi, ġiet ippreżentata kopja tar-rapport mediku redatt minn **Mr Raymond Gatt**[1], konsulent tal-ortopedija, li kien invista lill-attriċi fl-1 t'April, 2015, ftit aktar minn sentejn wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud ikkonstata li l-attriċi kienet ittieħdet l-Isptar ftit wara l-inċident, fejn instab li kienet qiegħda ssofri minn ksur f'diversi partijiet tal-ġisem, u kellha tgħaddi minn diversi operazzjonijiet, kemm f'Malta kif ukoll fi sptar ġewwa Oxford, l-Ingilterra. Ix-xhud fir-rapport tiegħu jgħid li wara li l-attriċi ġiet illiċenzjata mill-isptar f'Oxford, din ħtiġilha tagħmel tliet xhur ta' riabilitazzjoni u terapija sabiex timmobbilizza ruħha bl-użu tal-krozzi. L-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ u skumdità meta tiġi biex tagħmel ċertu attivitajiet, b'dan illi l-espert mediku kkonkluda li l-attriċi għadha tbati minn problemi residwi kawża tal-inċident li kellha, filwaqt li ma setax jeskludi li fil-futur din jista' jkollha bżonn interventi kirurġiċi oħra. In vista ta' dan, ix-xhud ikkonkluda li l-attriċi sofriet minn debilità permanenti ta' 20%.

---

[1] *A fol.* 4 *et seq.* tal-proċess.

L-attriċi **Ruth sive Gertrude Carabott** xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[2], fejn spjegat illi fit-3 ta' Marzu, 2013 għall-ħabta ta' 12:10 hi kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni KIM713 meta baqgħet dieħla fiha karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 174 li kienet misjuqa mill-konvenut. L-attriċi kellha magħha fil-karozza lil oħtha Roberta Ciangura u tlett itfal żgħar. L-attriċi qalet li kif ħarġet fi Triq il-Kavallerizza f'Marsaxlokk, daret fid-direzzjoni ta' Birżebbugia, u li dak il-ħin hija kienet għaddejja b'veloċità baxxa ta' madwar 25 mil fis-siegħa, meta minn faċċata rat karozza tal-linja ġejja b'veloċità għolja, li kienet qiegħda tinstaq fil-linja medjana tat-triq li kif raha lilha beda jipprova jidħol fil-karreġġjata tiegħu tat-triq. L-attriċi qalet li x-xarabank qala' daqxejn 'il barra u qabeż il-linja medjana tat-triq peress li fuq ix-xellug tiegħu kien hemm dgħajjes kbar ipparkeġġjati fit-triq fuq ix-xellug tax-xarabank. L-attriċi qalet li appena rat ix-xarabank dieħel għal fuqha, għafset il-*brake*, iżda l-konvenut xorta waħda baqa' dieħel ġo fiha bil-karozza tal-linja misjuqa minnu, u li l-vettura tagħha spiċċat daret xi tliet darbiet qabel ma waqfet b'wiċċha jħares lejn Marsaxlokk. L-attriċi esebiet sett ritratti[3] biex tindika eżatt il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident, kif ukoll id-danni sostnuti mill-vetturi wara l-inċident. L-attriċi kompliet tgħid li fil-ħin ta' wara l-inċident, hi bdiet tintilef minn sensiha, u bdiet tisma' t-tfal li kellha rekbin magħha jwerżqu. Hi qalet li meta ttieħdet l-Isptar instab li kellha diversi ksur fil-parti l-leminija ta' ġisimha, u li kellha tgħaddi minn diversi interventi kirurġiċi inkluż fi sptar l-Ingilterra fejn kienet rikoverata. L-attriċi qalet li dakinhar li seħħ l-inċident hi kellha tlieta u erbgħin (43) sena u kienet mara tad-dar.

---

[2] *A fol.* 22 *et seq* tal-proċess.
[3] *A fol.* 24 u 25 tal-proċess.

L-attriċi ppreżentat ukoll l-*affidavit* ta' **Roberta Ciangura**[4], li tiġi oħt l-attriċi, li dakinhar tal-inċident kienet riekba magħha fil-vettura misjuqha mill-attriċi KIM 713. Ix-xhud spjegat kif f'daqqa waħda rat il-karozza tal-linja ssuq għal fuqhom, u d-daqqa tant kienet qawwija li l-vettura li kienu rekbin fiha spiċċat daret xi tliet darbiet. Il-karozza tal-linja tant kienet qiegħda tinstaq b'veloċità qawwija li wara l-impatt ma setgħetx tieqaf u waqfet ferm aktar 'il fuq minn fejn seħħ l-inċident. Ix-xhud ikkonfermat li dak il-ħin oħtha kienet qiegħda ssuq b'veloċità ferm baxxa, anki minħabba li fil-vettura kien hemm it-tfal żgħar tagħhom, u li ma kien hemm xejn li seta' jiddistrattaha. Hi kompliet tiddeskrivi l-ħinijiet ta' wara l-inċident, bit-tlett itfal jirnexxielhom joħorġu mill-vettura tal-attriċi, filwaqt li l-attriċi u hi baqgħu maqbudin quddiem:

> "Oħti u jien bqajna maqbudin fil-karozza u ma stajniex noħorġu. Il-bieba tiegħi ssakkret, u oħti Gertrude kienet ħażin ħafna maqbuda minn saqajha bil-pjanċi tal-karozza u l-i*steering* imdaħħal ġo fiha. … Gertrude bdiet tippanikkja, ippruvat toħroġ, imma għalxejn għax kienet maqbuda. F'dak il-panic bdejna nibżgħu li kienet ħa taqbad il-karozza tagħna. B'xi mod irnexxieli niftaħ il-bieba tan-naħa tiegħi u noħroġ. Mort niġri n-naħa t'oħti, ressaqtilha daqsxejn is-*seat* u ħriġtha bil-mod mill-karozza. Meta rajt lil oħti Gertrude mal-art kienet għafsa ta' qalb kbira għalija li rajt lil oħti mixħuta mal-art u twerżaq bl-uġigħ …".

Ix-xhud qalet li dan l-inċident kien traġedja kbira għall-familja kollha, u li oħtha l-attriċi spiċċat b'diżabilità għal għomorha kollu. Ix-xhud ikkonfermat li l-attriċi kellha tingħata l-kura kemm f'Malta kif ukoll barra.

Ġiet ippreżentata wkoll l-*affidavit* ta' **Mark Grech**[5], li fil-ħin tal-inċident kien ħiereġ mill-Marsaxlokk Aquatic Sports Club, u li ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh. Hu qal li s-sewwieq tal-karozza tal-linja kien għaddej b'veloċità

[4] *A fol.* 28 tal-proċess.
[5] *A fol.* 30 tal-proċess.

eċċessiva, tant li hu ddeskrivieh bħala '*xkanat*'. Hu qal li l-karozza tal-linja kienet nieżla u hekk kif ġiet għal-liwja u kisret fuq ix-xellug, kellha toħroġ għal nofs it-triq minħabba għadd ta' dgħajjes li kienu pparkjati mal-ġenb tat-triq. Ix-xhud qal li dak il-ħin kienet ġejja l-attriċi mid-direzzjoni opposta, u li l-karozza tal-linja laqtitha fuq in-naħa tal-lemin. L-impatt tant kien qawwi li l-vettura misjuqa mill-attriċi bdiet iddur, sakemm spiċċat weħlet ma' xi skips li kienu mal-ġenb tat-triq tħares 'l isfel lejn Marsaxlokk. Il-veloċità li kienet ġejja biha l-karozza tal-linja kienet tali li din ma setgħetx tieqaf mill-ewwel, iżda baqgħet sejra u waqfet madwar ħamsin metru aktar 'il fuq. Hu qal li kif resaq lejn il-vettura misjuqa mill-attriċi, intebaħ li din kellha r-rota tal-i*steering* magħfusa magħha u li ma setgħetx toħroġ mill-karozza. F'dak il-mument ġew xi nies joffru l-għajnuna tagħhom.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016 xehed il-konsulent **Mr Raymond Gatt**[6] li kkonferma li l-attriċi kienet pazjenta tiegħu għall-fini tar-rapport redatt minnu, fejn ikkonferma wkoll il-grad ta' diżabilità permanenti li hi sofriet.

Xehed ukoll **PS 966 Race Desira**[7], li ppreżenta kopja tar-rapport tal-inċident[8], u li qal li meta mar fuq il-post tal-inċident sab li l-vetturi kienu ħabtu *head on.* Il-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Birżebbugia lejn Marsaxlokk. Għad-domandi tal-avukat difensur tal-konvenut, ix-xhud qal li meta wasal fuq il-post tal-inċident, il-vetturi kienu għadhom hemm, u seta' jikkonstata li l-vettura misjuqa mill-attriċi kienet fuq in-naħa tal-karreġġjata tal-karozza tal-linja, minħabba kif kienet il-pożizzjoni tat-*tyres.* Fil-fatt mir-rapport esebit jidher li kull waħda mill-partijiet allegat li kienet il-

[6] *A fol.* 37 tal-proċess.
[7] *A fol.* 38 tal-proċess.
[8] *A fol.* 42 sa 51 tal-proċess.

parti l-oħra li baqgħet dieħla fiha. Fir-rapport tal-Pulizija hemm indikat li "minn aktar stħarriġ li sar ġie osservat li l-i*spot of impact* sar fil-karreġġjata tal-vettura BUS 174 u dan ġie indikat mill-marki tat-*tyres* tal-vettura KIM 713." Il-post eżatt fejn sar l-impatt jinsab indikat bl-ittri X u X fuq ir-ritratti esebiti *a fol.* 53 u 54 tal-proċess, li ġew esebiti mill-konvenut.

Fl-istess udjenza xehed **George Zahra**[9], li mar fuq il-post tal-inċident ftit wara li seħħ l-inċident, u qal li kellu parentela mal-attriċi, u li huwa kien ħa xi ritratti bit-*telephone* ċellulari tiegħu[10]. Hu qal li xi ħaġa li laqtitu dakinhar li seħħ l-inċident kienet il-fatt li filwaqt li l-i*steering* tal-vettura misjuqa mill-attriċi kien miksur in-naħa ta' ġewwa, in-naħa tax-xellug, il-vija tal-karozza kienet miksura n-naħa l-oħra. Fi kliem ix-xhud, "l-i*steering* kien qiegħed miksur in-naħa ta' ġewwa, in-naħa tal-ħajt. In-naħa tax-xellug jiġifieri." Madanakollu, mitlub jispeċifika l-i*steering* x'kellu differenti meta sarulu d-domandi in kontroeżami, ix-xhud qal li kellu r-roti miksurin 'il ġewwa ra biss, u li l-i*steering* ma kellu xejn differenti. Mitlub jikkonferma, ix-xhud ma kienx ċert jekk xi waħda mill-vetturi kinitx iċċaqalqet sal-ħin li mar hu fuq il-post tal-inċident.

L-attriċi esebiet skizz tal-inċident[11], li jindika li l-impatt seħħ fil-parti tal-karreġġjata li fiha kienet qiegħda tinstaq il-karozza tal-linja. Fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2017 reġa' ntalab jixhed PS 966 Race Desira[12], li kkonferma li l-iskizz esebit mill-attriċi kien għamlu hu. Ix-xhud spjega li it-*tyre marks* tal-vettura misjuqa mill-attriċi kienu evidenti ħafna, u li l-i*spot of impact* kien jidher ċar ukoll minħabba li kien hemm *parts (debris)* u xi likwidu tal-karozza tal-linja li

[9] *A fol.* 55 tal-proċess.
[10] *A fol.* 24 u 25 tal-proċess.
[11] *A fol.* 63 tal-proċess.
[12] *A fol.* 68 tal-proċess.

kienu għadhom fuq il-post meta waslu l-Pulizija. Mitlub jikkjarifika in kontroeżami, ix-xhud qal li hu seta' jindika l-post eżatt fejn seħħ l-impatt minħabba li f'dak il-post kien hemm massa *debris* kkonċentrata. Ix-xhud qal li minkejja li fiż-żona fejn seħħ l-inċident m'hemmx żebgħa bajda mal-art li tindika fejn setgħu jipparkjaw il-vetturi ossia dgħajjes, madanakollu hu indika permezz ta' *dotted line* l-ispazju li jintuża bħala parkeġġ.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017 sar il-kontroeżami ta' Mark Grech[13], li qal li hu ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh, għalkemm qal illi x'ħin bdew jinġabru n-nies fuq il-post, hu kien telaq minn fuq il-post. Ix-xhud qal li hu ftakar li l-vettura kienet misjuqa minn mara li kellha xi tfal fuq in-naħa ta' wara tal-karozza, u li din kienet maqbuda bl-i*steering* b'mod li ma setgħetx toħroġ mill-vettura waħedha. Ix-xhud qal li hu llarga minn fuq il-post xħin bdew jinġabru n-nies, u qal li jaħseb li lilu ħadd ma rah fuq il-post tal-inċident. Hu qal ukoll li lill-Pulizija qatt ma tahom *statement,* u li hu ma xehedx fil-proċeduri kriminali dwar l-inċident. Qal li lill-attriċi ma kienx jafha, u li jum fost l-oħrajn kien qiegħed f'ħanut il-Fgura u kien qal li ra inċident, u li l-attriċi saret taf li hu kien wieħed mill-persuni li ra l-inċident iseħħ. Ix-xhud qal li hu u l-attriċi saru ħbieb fuq *Facebook,* u li kienet hi li talbitu jitla' jixhed. Mitlub jikkonferma eżatt f'liema post fit-triq kien meta sar l-inċident, ix-xhud indika fuq ir-ritratt (*a fol.* 73 tal-proċess) il-post li hu kien fih fil-mumenti qabel seħħ l-inċident. Hu qal li hu ra l-karozza tal-linja ġejja, u li l-karozza misjuqa mill-attriċi ma kienx raha qabel seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li hu ma ħax ritratti tal-inċident, u li minn dak li seta' josserva, il-karozza tal-linja ma setgħetx iddur sforz kemm kienet qiegħda tinstaq b'veloċità qawwija.

[13] *A fol.* 81 tal-proċess.

Fil-11 ta' Mejju, 2017 l-attriċi ppreżentat rikors fejn infurmat lill-Qorti li hi kienet ġiet mgħarrfa li l-iskizz tal-inċident li sar riferiment għalih mis-Surġent Race Desira mhux hu kien għamlu, iżda kien sar minn rappreżentanti tal-Arriva. Fid-dawl ta' dan it-tagħrif, l-attriċi talbet li jerġa' jittella' jixhed il-PS 966 Race Desira, il-PC 994 Carmine Grech, u rappreżentanti tal-AIB Insurance Brokers Limited.

Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017, xehdet **Joyce Agius**[14], Deputat Reġistratur fil-Qrati ta' Malta, li esebiet kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ngħatat fid-9 ta' Mejju, 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud**, fejn il-konvenut kien ġie lliberat mill-akkużi miġjuba kontrih in vista ta' nuqqas ta' provi.[15]

Xehdet ukoll **Rita Azzopardi**[16], *Risk and Assurance Executive* mal-Malta Public Transport Services, li qalet li l-vettura misjuqa mill-konvenut hija proprjetà tal-Malta Public Transport Services, u li minn dak li rriżultalha, fil-ħin tal-inċident il-karozza tal-linja inkwistjoni kienet qiegħda tagħmel ir-rotta 85 li mill-Belt tieħu lejn Marsaxlokk, u li ftit tal-ħin waranofsinhar kellha inċident ġewwa Marsaxlokk. Il-ħin preċiż li fih seħħ l-inċident kien 12:07. Ix-xhud qalet li r-rotot tal-karozzi tal-linja huma kollha intraċċati, u li fil-ħin ta' wara li seħħ l-inċident ix-xufier tal-karozza tal-linja kien ċempel il-*control room* biex jinforma li kien sar l-inċident, u li min-naħa tal-Malta Public Transport Services intbagħtu numru ta' persuni sabiex jieħdu r-ritratti u jassistu lix-xufier f'dak li kellu bżonn. Ix-xhud esebiet sett dokumenti li jindikaw ir-rotta intraċċata li

[14] *A fol.* 100 tal-proċess.
[15] Kopja tas-sentenza esebita *a fol.* 102 tal-proċess.
[16] *A fol.* 103 tal-proċess.

kien ħa l-konvenut[17], kif ukoll sett ritratti[18] li ttieħdu fuq il-post tal-inċident mill-persuni li ntbagħtu mill-Malta Public Transport Services. Ix-xhud esebiet ukoll kopja ta' rapport li jrid jimtela minn kull xufier li jkollu inċident[19], fejn dan iddikjara li hekk kif wasal ħdejn il-*pitch* tal-waterpolo kien hemm vettura ġejja mid-direzzjoni opposta, li malli raha huwa waqaf, iżda din baqgħet dieħla fih. Il-konvenut iddikjara fir-rapport tiegħu lill-kumpannija li kien impjegat magħha, li kienet l-attriċi li kienet qiegħda ssuq fil-karreġġjata tiegħu mid-direzzjoni opposta.

Il-Qorti ħatret lill-kirurgu ortopediku **Mr Mark Portelli** bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attriċi u jirrelata dwar in-natura tal-ġrieħi sofferti minnha konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. Fir-rapport imħejji minnu[20], l-espert mediku kkonferma wara li eżamina lill-attriċi, li din sofriet minn debilità permanenti kawża tal-inċident, u li x'aktarx li fil-futur din ser ikollha bżonn aktar interventi kirurġiċi minħabba f'dak li għaddiet minnu. L-espert mediku stabbilixxa li l-attriċi sofriet diżabilità permanenti ta' tnejn u għoxrin fil-mija (22%) kawża ta' dan l-inċident.

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017 sar il-kontroeżami ta' Roberta Ciangura[21]**,** oħt l-attriċi li fil-ħin tal-inċident kienet riekba fil-vettura magħha, li qalet li fil-ħin tal-inċident huma kienu qegħdin isuqu minn Marsaxlokk lejn Birżebbugia , u li huma kellhom bżonn jiksru lejn il-lemin, lejn it-telgħa ta' Birżebbugia minn fejn kien nieżel il-konvenut. Ix-xhud qalet li ħin minnhom hi tbaxxiet biex toħroġ xi ħaġa mill-basket li kien ħdejn saqajha, u xħin għolliet rasha sabet il-

[17] *A fol.* 113 tal-proċess.
[18] *A fol.* 114 sa *fol.* 119 tal-proċess.
[19] *A fol.* 121 tal-proċess.
[20] *A fol.* 133 tal-proċess.
[21] *A fol.* 138 tal-proċess.

karozza tal-linja quddiemha. Ix-xhud ikkonfermat li l-impatt seħħ man-naħa tax-xufier, u li minkejja li ma kienx hemm ħsara fin-naħa tal-passiġġier, hi ma setgħetx tiftaħ il-bieba tal-vettura, tant li kellha toħroġ minn wara. Ix-xhud qalet li mal-impatt il-vettura li kienu rekbin fiha huma daret tliet darbiet, u ġiet tħares wiċċha n-naħa l-oħra tat-triq. Hi kkonfermat li l-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut kienet ġejja min-naħa tan-niżla ta' Birżebbugia, u li eżatt fil-ħin tal-impatt hi kienet tbaxxiet biex iġġib xi ħaġa minn basket li kien ħdejn saqajha, xħin tellgħet rasha, rat il-karozza tal-linja ma' wiċċha.

Il-konvenut, permezz ta' rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2017, talab il-ħatra ta' periti perizjuri ortopediċi, u dan in segwitu għar-rapport tal-espert mediku Mr Mark Portelli.

Fl-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017, xehed **Kenneth Camilleri**[22], *Head of Claims* mal-Mapfre, Middlesea, is-soċjetà assiguratriċi li kien assoċjat magħha l-konvenut, li qal li bħala soċjetà tal-assigurazzjoni mhumiex jaċċettaw responsabbilità minħabba *l-ispot of impact* imsemmi fir-rapport tal-Pulizija u in vista tar-ritratti li ħa l-klijent (il-konvenut) fuq il-post tal-inċident.

Fl-istess udjenza xehdet Ruth sive Gertrude Carabott in kontroeżami[23], li qalet li hi kienet nieżla minn Triq il-Port Ruman, kif niżlet daret, u qabel ma qabżet il-*pitch* sabet il-karozza tal-linja, u li minkejja li żammet il-*brake,* kien hemm l-impatt bejn il-vetturi. L-attriċi ma setgħetx tippuntwalizza eżattament il-post li fih seħħ l-inċident fuq il-pjanti murija lilha, għalkemm ikkonfermat li l-i*spot of impact* kien quddiem il-bini ta' Marsaxlokk Aquatic Sports Club. Waqt ix-

[22] *A fol.* 146 tal-proċess.
[23] *A fol.* 150 tal-proċess.

xhieda tagħha, l-attriċi qalet li wara l-inċident hija kienet għamlet tliet snin tuża siġġu tar-roti minħabba li ma setgħetx timxi.

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Settembru, 2017, il-Qorti ħatret lil **Mr. Fredrick Zammit Maempel**, lil **Mr Massimo Abela** u lil **Mr Carmel Sciberras** bħala esperti mediċi addizzjonali biex jeżaminaw lill-attriċi u jirrelataw dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq saħħet l-attriċi.

Il-konvenut **Joseph Mifsud** xehed bil-mezz tal-*affidavit*[24], fejn qal li hu kien ilu jaħdem bħala xufier tal-karozzi tal-linja għal aktar minn tletin sena. Dakinhar tal-inċident, hu kien qiegħed isuq il-karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 174, li kienet sejra mill-Belt Valletta lejn Marsaxlokk, u kompla li kien qiegħed isuq b'veloċità li hu jqis 'normali'. Ix-xhud qal li l-kumpannija Malta Public Transport Services kienet installat mekkaniżmu fil-karozzi tal-linja adoperati minnha sabiex xufier ma jkunx jista' jsuq b'veloċità ta' aktar minn 60 kilometru fis-siegħa, u li jekk ikun il-każ li xi ħadd jipprova jaċċellera aktar minn 60 kilometru fis-siegħa, il-gass tal-karozza tal-linja jaqta' waħdu. Hu qal li dakinhar kien għaddej b'madwar 50 kilometru fis-siegħa, il-ġurnata kienet il-Ħadd, u fl-inħawi kien hemm ħafna nies u karozzi. Il-konvenut qal li hu dejjem baqa' jsuq fil-karreġġjata tiegħu, u dejjem żamm l-istess veloċità. Hu qal li f'ħin minnhom ra l-vettura misjuqa mill-attriċi sejra *head on* fuqu, u li kif lemaħha induna li kienet qiegħda tħares lura għal xi raġuni. Il-konvenut xehed li l-inċident seħħ billi l-attriċi baqgħet dieħla fil-karreġġjata li kien qed isuq fiha l-konvenut, daħlet fuqu, u mad-daqqa daret u ġiet tħares lejn id-direzzjoni opposta. Hu kompla jispjega li l-impatt seħħ eżatt kif taqbeż l-Aquatic Sports Club, u li mad-daqqa, l-vettura misjuqa mill-attriċi

[24] *A fol.* 164 tal-proċess.

kienet spiċċat ħdejn l-i*skips* tal-Aquatic Sports Club, għalkemm l-impatt seħħ qabel. Huwa qal ukoll li ma setax iwaqqaf ħesrem il-karozza li kien qiegħed isuq, minħabba li kien hemm xi passiġġieri bilwieqfa fil-vettura, u li kien saq daqs għaxar metri sakemm seta' jieqaf. Il-konvenut ikkonkluda billi ppreżenta mappa li tindika f'liema pożizzjoni seħħ l-impatt bejn il-vetturi.

Il-konvenut ittella' jixhed in kontroeżami fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2017[25], u mitlub jispeċifika jekk fuq in-naħa tax-xellug tat-triq kienx hemm xi dgħajjes ipparkjati, hu qal li kien hemm lanċa kbira pparkjata, għalkemm ma setax jeskludi li kien hemm ukoll laneċ oħrajn. Madanakollu l-konvenut xehed li l-impatt bejn il-vetturi seħħ fil-parti tat-triq qabel fejn kien hemm il-laneċ ipparkjati, u li hu kien nieżel b'veloċità li mhix għolja minħabba li l-karozza tal-linja kienet mimlija bin-nies, tant li kien hemm mal-għoxrin (20) ruħ bilwieqfa. Ix-xhud spjega l-mument li fih seħħ l-impatt b'dan il-mod:

> "Dik kont nieżel jien jiġifieri kont nieżel normali u rajt waħda, naf li bdiet tħares lura hekk, naf li kellha xi tfal u f'daqqa waħda daħlet ġo fija. Qabżet il-*line* u ħbatna *head on*."

Il-konvenut baqa' jsostni li kienet l-attriċi li qabżet il-linja tal-karreġġjata sabiex sabet ruħha fuq in-naħa tiegħu, u daħlet fih. Il-konvenut ġie muri skizz li ħejja hu stess fil-mumenti jew fil-ġranet ta' wara l-inċident, fejn il-vettura misjuqa mill-attriċi ġiet impoġġija kollha kemm hi fil-karreġġjata tal-konvenut. F'dan il-punt, il-konvenut qal li l-ħabta kienet waħda frontali, *front* ma' *front,* għalkemm id-difensur tal-attriċi ġibidlu l-attenzjoni li skont ir-ritratti esebiti, id-daqqiet jidhru li huma pinna ma' pinna, il-fanal tax-xarabank misjuqha mill-konvenut mal-fanal tal-vettura misjuqha mill-attriċi. Il-konvenut xehed li hu

[25] *A fol.* 169 tal-proċess.

ma setax iżomm *brake* mill-ewwel minħabba fin-numru ta' passiġġieri li kellu rekbin miegħu, u li hu beda jnaqqas il-veloċità bil-mod sabiex ma jweġġax lin-nies. Il-konvenut ikkonferma li mal-impatt il-vettura tal-attriċi daret xi tliet darbiet sakemm sabet ruħha ħdejn l-i*skips* li kienu mal-ġenb tat-triq.

Il-Qorti kkunsidrat ir-rapport mediku mħejji mill-esperti addizzjonali Mr Fredrick Zammit Maempel, Mr Massimo Abela, u Mr Carmel Sciberras maħtura mill-Qorti fuq talba tal-konvenut[26], li ddeksrivew it-trattament mediku li kellha tingħata l-attriċi fuq medda ta' xhur wara li seħħ l-inċident. L-esperti mediċi rrelataw kif kienet ittieħdet deċiżjoni li l-attriċi tintbagħat fi sptar f'Oxford għal aktar interventi, u kif sakemm marret għall-kura fl-Ingilterra kienet tkun dejjem muġugħa, tant li ġieli kellha bżonn tmur l-Isptar biex tiġi amministrata lilha l-morfina minħabba l-uġigħ. Fir-rapport imħejji mit-tliet esperti mediċi addizzjonali, dawn elenkaw it-tbatijiet ta' kuljum li tgħaddi minnhom l-attriċi minħabba l-mod kif id-diżabilità permanenti li sofriet u l-uġigħ li spiss issofri minnu, bidlulha ħajjitha. Il-konklużjoni tar-rapport mediku li ħejjew it-tliet esperti mediċi hi li:

> "Is-Sinjura Carabott ġarrbet ħsara qawwija fil-*'hip joint'* leminija. Barra minn hekk hemm evidenza wkoll li n-nerv xjatiku għandu ħsara; probabbilment min-natura tal-ksur li ġarrbet, possibilment mill-infezzjoni li żviluppat u possibilment minn *'scarring'* tal-operazzjoni. Is-sinjura Carabott għadha relattivament żgħira fl-età. Għalhekk hemm ċans sinifikanti li ser ikollha bżonn reviżjoni tal-*hip replacement*. Jekk tasal għal dan l-operazzjoni tkun riskjuża minħabba l-fatt li kien hemm infezzjoni qawwija qabel ma saret il-*hip replacement*. ... u saħansitra jekk ma jkunx hemm infezzjoni, kull reviżjoni ta' *total hip replacement* jista' jkollha kumplikazzjonijiet serji eż. żieda fir-rata ta' infezzjoni u żlugar."

[26] *A fol.* 187 *et seq* tal-proċess.

In vista ta' dawn il-konklużjonijiet, l-esperti mediċi addizzjonali kkonkludew li l-attriċi ġarrbet debilità permanenti ta' 25%.

**Konsiderazzjonijiet legali**

F'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta, il-Qorti jeħtiġilha tibda billi tagħmel analiżi tal-provi u tax-xhieda prodotti, sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk il-konvenut f'din il-kawża għandux jinżamm responsabbli għall-akkadut, jew inkella setax kien il-każ li l-attriċi b'xi mod ikkontribwiet għall-inċident inkwistjoni, u għaldaqstant għandha, hi ukoll tinżamm responsabbli.

Ix-xhieda li semgħet il-Qorti ħafna drabi kienet konfliġġenti, bix-xhieda li tellgħet l-attriċi jattribwixxu l-kawża tal-inċident għall-fatt li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, tant li xhud minnhom Mark Grech jgħid li l-konvenut kien għaddej b'mod 'xkanat'[27], filwaqt li l-konvenut ċaħad dan u huwa korroborat mix-xhieda ta' Rita Azzopardi, uffiċjal ta' Malta Public Transport Services, li esebiet kopja tal-*logs* tal-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut, li jindikaw li sa ftit qabel l-inċident, dan kien għaddej b'veloċità ta' madwar 50 kilometru fis-siegħa.[28] Il-konvenut Joseph Mifsud allega li l-ħabta kienet waħda *head on,* u skont hu l-kawża tal-inċident kien li l-attriċi ma kienx moħħha fit-triq, u jgħid li lemaħha tħares lura ftit qabel ma seħħ l-impatt. Il-konvenut allega wkoll, li l-attriċi kienet qiegħda ssuq fil-karreġġjata tiegħu fil-ħin tal-impatt, u li dan il-fattur, flimkien mal-fatt li hi ma kinitx għajnejha fuq it-triq, wasslu għall-inċident inkwistjoni. Mill-provi rriżulta wkoll li l-karozza

[27] Xhieda tal-attriċi, ta' Roberta Ciangura, u ta' Mark Grech.
[28] *A fol.* 113 tal-proċess.

tal-linja misjuqa mill-konvenut twaqqfet f'distanza konsiderevoli 'l bogħod minn fejn seħħ l-impatt.

Din il-Qorti tosserva li meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda mressqa mill-partijiet, bħal fil-każ odjern, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[29] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[30]

Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan ingħad hekk f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[31]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

[29] **Borg vs. Bartolo**, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.
[30] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App.Kum., 25.02.1952.
[31] P.A., 30.10.2003.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[32] irriteniet illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[33]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**[34], il-Qorti kkonkludiet:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri *vs.* Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl

[32] Q.A., 06.05.2011.
[33] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[34] P.A., 28.04.2004.

tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**;

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta" – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

> Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."[35]

Fl-aħħar nett jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[36]:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"."[37]

Minn dak li semgħet il-Qorti, jirriżulta li għalkemm il-konvenut ma kienx qiegħed isuq b'veloċità li tista' titqies 'eċċessiva', madanakollu tenut kont li l-konvenut kien qiegħed isuq f'niżla karozza tal-linja li minnha nnifisha għandha ċertu tunnellaġġ, u li kienet mimlija b'madwar 60 passiġġier b'kollox, kif irriżulta mill-provi, din tiġi ferm aktar tqila mill-karozza żgħira misjuqa mill-attriċi, li fiha jirriżulta li kien hemm ħames persuni biss, il-konvenut kellu l-obbligu li juża kawtela ferm akbar milli kieku kien qiegħed isuq kwalsiasi tip ta' vettura oħra. Il-konvenut kellu ukoll joqgħod ferm aktar attent sabiex jassigura ruħu li jekk ikun hemm il-ħtieġa li hu jwaqqaf ħesrem il-karozza tal-linja misjuqa minnu kif ġara f'dan il-każ, hu jkun f'pożizzjoni li jista' jagħmel

[35] App. Inf., 12.04.2007.
[36] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[37] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A., 30.10.2003.

dan mingħajr ma jipperikola s-sitwazzjoni la għall-passiġġieri li kienu rekbin miegħu, u lanqas għall-persuni li jistgħu jkunu fit-triq. Veloċità li għall-konvenut tista' titqies li hi 'normali' ma hi normali xejn meta wieħed jikkunsidra d-diversi fatturi li l-konvenut kien qiegħed isuq fihom, fosthom il-fatt li l-vettura misjuqa minnu għandha ċertu piż u kobor li jista' jirrendiha mhux daqstant faċli biex tiġi kkontrollata meta jkun hemm il-ħtieġa li din titwaqqaf ħesrem, u li kwalunkwe impatt li din seta' jkollha ma' vetturi ferm iċken fid-daqs minnha, jista' jħalli konsegwenzi serji ħafna. Fil-fatt jidher ċar li din kienet waħda mid-diffikultajiet li ffaċja l-konvenut u li sabiex waqaf, hu kellu jwaqqaf il-karozza tal-linja f'distanza konsiderevolment 'il bogħod minn fejn seħħ l-i*spot of impact.*

Jirriżulta wkoll li x-xhieda tal-konvenut u ta' PS Race Desira li l-ħabta kienet waħda *head-on,* mhijiex waħda verosimili, stante li mir-ritratti esebiti jirriżulta li l-ħsara li ġarrbu l-vetturi hija aktar tipika ta' ħabta li sseħħ pinna ma' pinna (fanal ma' fanal) milli ta' ħabta frontali. Anki l-fatt li l-vettura misjuqa mill-attriċi, wara l-impatt spiċċat daret tliet darbiet qabel ħabtet mal-i*skips* u waqfet, tindika li l-ħabta ma kinitx waħda frontali, iżda waħda li tefgħet il-vettura tal-attriċi ddur fit-triq, sakemm fl-aħħar sabet ma' xiex tieqaf u waqfet. Li kieku l-ħabta kienet waħda frontali, kif jallega l-konvenut, kien hemm riskju li l-vettura misjuqa mill-attriċi kienet tispiċċa mgħaffġa mill-karozza tal-linja, u li l-konsegwenzi jkunu ferm agħar milli kienu.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li xehed il-konvenut, li qal li kienet l-attriċi li invadiet il-karreġġjata tiegħu, u li l-i*spot of impact* seħħ fil-karreġġjata li kien għaddej minnha hu. Ġie kkunsidrat ukoll li fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġie

ppreżentat skizz mill-attriċi stess[38], li jindika li l-i*spot of impact* kien proprju fil-karreġġjata li kien qiegħed isuq fiha l-konvenut, fattur dan li jtendi għall-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant li kienet l-attriċi li invadiet il-karreġġjata tal-konvenut, u li konsegwentement din għandha tinżamm responsabbli għal dan in-nuqqas da parti tagħha. Madanakollu waqt is-smigħ tal-provi, saret allegazzjoni li l-iskizz inkwistjoni ma kienx sar mill-Pulizija li marru fuq ix-xena tal-inċident, u dan minkejja l-konferma ta' PS Race Desira li kien hu li ħejja dan l-iskizz, imma dan kien skizz li ġie ppreparat għas-soċjetà assiguratriċi ta' Malta Public Transport Services, għalkemm mhuwiex ċar min tabilħaqq għamel dan l-iskizz. Mir-ritratti esebiti *a fol.* 53 u 54 tal-proċess, li juru eżattament dak li kien baqa' fuq il-post tal-inċident ftit wara li dan seħħ, il-Qorti mhix konvinta li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut, kif ipprova jsostni l-konvenut. Aktar hi attendibbli t-teżi tal-attriċi li l-konvenut kien qiegħed isuq viċin il-linja medjana minħabba d-dgħajjes li kienu pparkeġġjati fil-ġenb tan-naħa tiegħu tat-triq, u li kien għalhekk li bejn iż-żewġ vetturi kien hemm impatt, u li ma jistax jintqal b'konvinċiment li l-inċident seħħ minħabba li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut. Minn dan isegwi li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għad-danni li ġew ikkaġunati lill-attriċi konsegwenza ta' dan l-inċident, u f'dan l-istadju jifdal li jiġu likwidati d-danni li għandhom jitħallsu lilha.

Mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet mara tad-dar u li din kellha 43 sena meta seħħ l-inċident li affettwalha ħajjitha tant li l-esperti mediċi qablu li din sofriet debilità permanenti fil-grad ta' bejn 22% u 25%. Għall-finijiet ta' prattiċità, il-Qorti ser tieħu l-medja bejn il-gradi ta' diżabilità permanenti stabbiliti mill-

[38] Li jinsab esebit *a fol.* 63 tal-proċess.

esperti mediċi maħtura minnha, u ser tadotta grad ta’ 23.5% għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid issir.

F’sentenza pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[39], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f’ċirkostanzi simili għal dawn:

> “Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija ‘**Michael Butler *vs.* Peter Christopher Heard**’ (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża ‘**Salvatore Mifsud *vs.* Carlo Camilleri et’,** (Appell, 16.11.1983) ‘iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.’ Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f’Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw ‘l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – ‘**Savona vs Asphar**’, Appell, 23.06.1952); u li ‘għandu jintuża bħala bażi wkoll f’dan il-każ bid-differenza li n-numru ta’ snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut’ (‘**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard’,** 13.05.2003), u li ‘dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta’ kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta’ probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b’sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista’ jkun mar-realtà’ (‘**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**’, Appell, 20.07.1994).”

Fis-sentenza fl-ismijiet **Malcolm Cumbo *vs.* Malta Freeport Terminals Ltd**[40], il-Qorti kkonkludiet illi:

> “Illi f’dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma’ dak li tispeċifika l-liġi. F’dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha

[39] P.A., 25.02.2016.
[40] P.A., 30.06.2016.

quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."

M'hemm l-ebda dubju li minkejja li l-attriċi hija mara tad-dar, hija xorta waħda għandha tiġi kkumpensata għal telf ta' qligħ li setgħet sofriet minħabba f'dan l-inċident. F'deċiżjoni fejn il-mertu kien simili ħafna għal dak odjern, fl-ismijiet **Mary Farrugia vs Agnes Borg et**[41], intqal is-segwenti:

"Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-attriċi għalkemm mara tad-dar u nonostante li ma tipperċepixxix paga mingħand datur tax-xogħol uffiċjali, hija xorta hija intitolata għal kumpens ta' telf ta' qliegħ. Dan huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna kurrenti u ċioe għalkemm mara miżżewġa ma kellhiex impjieg fiż-żmien tal-korriment, xorta jistħoqqilha tingħata kumpens adegwat għall-ġrieħi sofferti minnha fl-inċident dannuż siccome llum huwa ġustament meqjus illi x-xogħol ta' mara tad-dar jista' jissarraf f'ħidma ekonomika, għalhekk illum huwa paragonat ma' impjieg bi qliegħ effettiv."

F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis il-kejl tal-paga minima nazzjonali bħala l-paga bażika li fuqha għandha ssir il-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans* sofferti mill-attriċi, li fis-sena 2013 kienet ta' €8,433.88.[42] Dan l-ammont irid jiżdied b'0.96%[43], minħabba fir-rata tal-inflazzjoni medja fl-aħħar ħames snin, sabiex b'hekk is-salarju bażiku medju li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-komputazzjoni tagħha l-Qorti huwa ta' €8,433.88 + €10,053.18 / 2 = €9,243.53.

---

[41] P.A., 24.10.2016.
[42] Ara l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71).
[43] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs*. Carmelo Pace**[44] ġie stabbilit li hu:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life'.
>
> ...
>
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attriċi kellha tlieta u erbgħin sena (43), u għalkemm il-*multiplier* m'għandux ikun strettament marbut mal-età tal-irtirar, il-Qorti tħoss li *multiplier* ta' 20, tenut kont li l-età tal-irtirar preżentement hija ta' ħamsa u sittin (65) sena, huwa ġust u adegwat fiċ-ċirkostanzi.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien fl-intavolar tal-kawża jew id-dewmien tal-proċeduri.

[44] Q.A., 05.03.1986.

Madanakollu il-Qorti tħoss li f'dan il-każ ma kienx hemm tali dewmien, u li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Xuereb *noe vs.* Emanuel Xuereb pro et noe**[45], il-Qorti qalet hekk:

> "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal *lump sum payment* il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal *lump sum payment* jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."

Tenut kont tal-fatt li l-inċident seħħ fl-2013 u l-kawża ġiet intavolata madwar tliet snin wara, l-attriċi xehdet li f'dan iż-żmien hi kienet qattgħet tul ta' żmien fuq siġġu tar-roti u tirċievi l-kura, filwaqt li s-sentenza ser tkun qiegħda tingħata fi żmien sentejn minn meta ġiet intavolata l-kawża, il-Qorti tqis li f'an il-każ m'għandux ikun hemm ebda riduzzjoni mit-tnaqqis ta' 20% għal *lump sum payment*.

Għalhekk id-danni li sofriet l-attriċi bħala *lucrum cessans* konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, qegħdin jiġu likwidati b'dan il-mod - €9,243.53 x 20 (*multiplier*) = €184,870.60 x 23.5% (diżabilità permanenti) = €43,444.59 - 20% (ħlas f'darba) = €34,755.67.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

---

[45] P.A., 05.10.1995.

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;**

**3. Tillikwida d-danni kkaġjonati lill-attriċi fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€34,755.67);**

**4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

**Tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.**

Moqrija.